ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Ġunju, 2025

Talba Nru: CCT55/25/DS

Nicholas Formosa u Dr Sabrina Micallef Formosa

Vs

Portelli and Brincat Ltd.

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-12 ta' Marzu, 2024 fejn talab illi s-soċjeta' intimata riżarċiment ta' elf u seba' mitt Ewro (€1,700) depożitu illi kien għamel fuq *awning* illi ma ġietx ikkonsenjati u nstallata;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u ghal din ir-raguni giet meqjusa kontumaci minn dan it-Tribunal;

Ra illi ma saret l-ebda talba għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja wara s-seduta;

Ra illi l-atturi preżentaq l-pużizzjoni tagħhom;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonfermaw id-dettalji dwar it-talba tagħhom taht ġurament. Galadarba s-soċjeta' intimata la għamlet risposta u lanqas bagħtet rappreżentant tagħha sabiex jagħti x-xhieda tiegħu il-verżjoni tar-rikorrenti m'hija bl-

ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tar-rikorrenti hija korroborata min evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-fatti graw hekk kif gie konfermat taħt gurament.

Illi t-Tribunal ulterjorment jinnota illi l-atturi kemm il-darba provaw jikkomunikaw mas-soċjeta' intimata, pero' jidher biċ-ċar illi l-istess soċjeta' kienet qiegħda tagħti raġunijiet lill-atturi illi ma kienux sodisfaċjenti u validi. Dan l-aġir ikkawża inkonvenjent ċar lill-atturi illi jkun inġust illi jgħaddi inosservat.

Ikkunsidra ulterjorment

Illi f'Legislazzjoni Sussidjarja 387.01 Regoli dwar it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi, Regola 12.1 tgħid illi '**jekk l-intimat ma jattendix seduta, l-Arbitru jista' jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat;**

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provaw il-każ tagħhom suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' elf u seba' mitt Ewro (€1,700) lill-atturi filwaqt illi jeħles lis-soċjeta' intimata mill-obbligu illi tikkonsenja l-*awning* kif ukoll jikkundanna lill-istess soċjeta' tħallas is-somma ta' erbgħin Ewro (€40) lill-istess atturi bħala danni morali għall-inkonvenjenza li kkawżatilhom.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru